



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 28 ta' Ottubru 2016
(OR. en)

13037/16

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0307 (NLE)

WTO 283
AGRI 543
UD 206
COLAC 86

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil skont l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 fir-rigward tal-modifika ta' konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika tal-Kroazja fil-kuntest tal-adeżjoni tagħha mal-Unjoni Ewropea
----------	--

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2016/...

ta'...

**dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri
bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil
skont l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali
dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 fir-rigward tal-modifika ta' konċessjonijiet
fl-iskedi tar-Repubblika tal-Kroazja fil-kuntest tal-adeżjoni tagħha mal-Unjoni Ewropea**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-punt (a)(v) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 218(6) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew¹,

¹ ĠU L [...], [...], p. [...].

Billi:

- (1) Fil-15 ta' Lulju 2013, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tibda negozjati ma' ċerti Membri oħrajn tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ skont l-Artikolu XXIV:6 tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ GATT 1994, fil-kuntest tal-adeżjoni mal-Unjoni tar-Repubblika tal-Kroazja.
- (2) In-negozjati tmexxew mill-Kummissjoni skont id-direttivi ta' negozjar adottati mill-Kunsill.
- (3) Dawk in-negozjati ġew konklużi u Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil skont l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-GATT 1994 fir-rigward tal-modifika ta' konċessjonijiet fl-iskeda tar-Repubblika tal-Kroazja fil-kuntest tal-adeżjoni tagħha mal-Unjoni Ewropea ('il-Ftehim') ġie inizjalat fit-12 ta' Lulju 2016.
- (4) Il-Ftehim ġie ffirmat f'isem l-Unjoni fi [...], soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data iktar tard, b'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill [...] ^{1*}.
- (5) Jenħtieġ li l-Ftehim jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ ĠU L [...], [...], p. [...].

* ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test id-data tal-iffirmar u r-referenzi (data u titolu sħiħ) tad-dokument 13036/16 u kkompleta n-nota ta' qiegħ il-paġna bl-indikazzjoni tar-referenza tal-pubblikazzjoni tiegħu.

Artikolu 1

Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil skont l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 fir-rigward tal-modifika ta' konċessjonijiet fl-Iskeda tar-Repubblika tal-Kroazja fil-kuntest tal-adeżjoni tagħha mal-Unjoni Ewropea, huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni*.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu jaħtar lill-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jipproċedu, f'isem l-Unjoni, għan-notifika prevista fil-Ftehim, sabiex jesprimu l-kunsens tal-Unjoni li tkun marbuta b'dan il-Ftehim.¹

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

* ĠU: it-test tal-Ftehim jinsab fid-dokument 13038/16.

¹ Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ser tiġi pubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.